



Brussell, 3 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8801/1/19
REV 1

SPORT 50

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Iż-żieda tal-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh fl-isport fl-Ewropa tas-seklu 21 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li huwa ppreżentat bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-22 u t-23 ta' Mejju 2019.

**Iż-żieda tal-parteciċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh fl-isport
fl-Ewropa tas-seklu 21**

Il-prattika tal-isport iġġib magħha firxa wiesgħa ta' benefiċċji ddokumentati tajjeb, kemm fil-livell individwali kif ukoll fil-livell tas-soċjetà. Madankollu, l-istatistika turi li waqt li s-sitwazzjoni hija differenti minn Stat Membru għall-ieħor, bħala medja ***l-interess fil-prattika tal-isports qed jonqos fl-UE***. Kważi kwart taż-żgħażaġh Ewropej kollha (ta' bejn il-15 u l-24 sena) mhuma qed jieħdu sehem fl-ebda sport jew eżerċizzju, bin-nuqqas ta' parteciċipazzjoni jiżdied b'7 punti perċentwali mill-2009 sal-2017¹. Bosta fatturi jinfluwenzaw għaliex it-tfal u ż-żgħażaġh mhux qed jinvolve ruħhom attivament fl-isport. Dan id-dokument għandu l-għan li jesplora numru minnhom bil-ħsieb ukoll li jkun mifhum kif ix-xejriet attwali jistgħu jaffettwaw il-parteciċipazzjoni fl-isport fis-seklu 21.

L-ewwel nett, ***il-kompetizzjoni fis-"suq tal-passatempo"*** biex jiġi influwenzat kif it-tfal u ż-żgħażaġh iqattgħu l-ħin liberu tagħhom tista' tkun kbira, speċjalment meta titqies il-pressure li ssir mis-settur tad-divertiment, u b'mod partikolari s-segment diġitali. Minħabba l-avvanzi fit-teknoloġija li ppermettew konnettività akbar f'veloċitajiet broadband, il-passatempo bbażati fid-dar (pereżempju l-logħob tal-kompjuter, li wieħed joqgħod jara u/jew jinteraġixxi ma' kontenut awdjoviżiv) saru aktar attraenti, u huma mistennija li jsiru saħansitra aktar attraenti fil-futur². It-teknoloġija tista' tiġġenera wkoll għażliet ta' passatempo ġodda għat-tfal u ż-żgħażaġh (pereżempju li joqogħdu jaraw l-isports) u ssaħħaħ l-esperjenza tagħhom ta' dawk eżistenti, kif inhu l-każ ukoll għal forom differenti ta' parteciċipazzjoni kulturali (pereżempju ċ-ċinema, l-ispettakli live, is-siti kulturali) li huma popolari fost iż-żgħażaġh fl-UE³.

¹ Special Eurobarometer on Sport and Physical Activity 334 (2010) u 472 (2018).

² López Sintas, J., Rojas de Francisco, L., & García Álvarez, E. (2017). Home-based digital leisure: Doing the same leisure activities, but digital. Cogent Social Sciences, <http://dx.doi.org/10.1080/23311886.2017.1309741>

³ Eurostat (2017), Culture statistics - cultural participation by socioeconomic background.

B'kuntrast, *l-isports ikompli joffri esperjenza "analogha"* li l-attrazzjoni lejha tiddependi fuq id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-faċilitajiet sportivi u l-interazzjonijiet soċjali mal-membri tat-tim u l-persunal sportiv rilevanti. It-teknoloġiji tar-realtà awmentata jista' jkollhom il-potenzjal li, fil-futur, jiġġeneraw sports ġodda li jkollhom ukoll komponent ta' attività fiżika, iżda fil-preżent l-influenza tagħhom hija biss negliġibbli. Għalhekk, filwaqt li l-attivitajiet ta' passatempi varji jaqdu rwol pożittiv fl-iżvilupp personali tat-tfal u taż-żgħażaġh, hemm riskju li l-isport ikollu inqas opportunitajiet li jagħti kontribut għal dan fis-seklu 21.

Fl-istess waqt, *l-ispejjeż involuti fil-prattika tal-sports* huma fattur determinanti importanti għall-livelli tal-parteċipazzjoni fl-isport, irrISPettivament mill-età. Il-preferenza ta' persuna għall-isports minn passatempi oħra tista' tkun affettwata minn kemm il-klabbijiet tal-isports ikollhom jitolbu kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' kuljum u anke l-investimenti tagħhom, minflok ma jkunu jistgħu jaċċessaw finanzjament pubbliku jew jirnexxilhom jiksbu sponsorizzazzjoni privata. L-istess japplika f'ambjenti ta' sports mhux organizzat, fejn l-ispejjeż huma importanti għaliex tipikament jaqgħu kollha kompletament fuq l-individwu.

Dwar is-suġġett tal-"ekonomija tal-isport", l-impatt tal-*kummerċjalizzazzjoni tal-isport* li qed dejjem tikber⁴ għandu jitqies ukoll. Min-naħa, l-isport tal-ogħla livell jattira ħafna kopertura mill-media. Apparti li jiġġenera d-dħul, dan jista' jispira wkoll lill-persuni, speċjalment lit-tfal, biex jibdew jipprattikaw sport. Min-naħa l-oħra, jekk ikun hemm attenzjoni żejda fuq l-aspetti kummerċjali, xi organizzazzjonijiet tal-isports jistgħu jkunu aktar orjentati lejn il-ġbir bi profott ta' talent żagħżuġh li jikkompeti fl-livell għoli u jkunu inqas ikkonċernati li jippermettu li l-isport iwettaq il-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu⁵.

Il-mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja bejn l-isports tal-ogħla livell u l-isports tal-massa huma mod wieħed kif tissaħħaħ il-kapaċità tal-isports tal-massa li jrawmu l-parteċipazzjoni attiva fl-isports. Fi kwalunkwe każ, bix-xejriet ta' żvilupp attwali, il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-aġendi tal-isports tal-ogħla livell u l-isports tal-massa fil-futur għandha tiġi analizzata, fil-kuntest tal-indirizzar tax-xejra ta' tnaqqis fil-livelli tal-parteċipazzjoni fl-isport.

⁴ Waqt li fl-2017 is-suq globali għall-avvenimenti sportivi kien \$91 biljun, huwa mistenni li jiżdied frata komposta ta' tkabbir annwali ta' 3.6 fil-mija fl-2017-2021. UNCTAD (2018), Competition issues in the sale of audiovisual rights for major sporting events, available at: <https://bit.ly/2PoJysq>

⁵ Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 165(1).

Kwistjoni oħra li teħtieġ li tiġi kkunsidrata f'din id-diskussjoni hija relatata mal-**attitudnijiet u l-profil tal-ġenerazzjonijiet attwali ta' tfal u ta' żgħażaġh**, u b'mod aktar speċifiku, dak li jimmotivahom jipparteċipaw fi sport. Riċerka kwalitattiva tindika li t-tfal u ż-żgħażaġh sa 19-il sena huma interessati fl-isports billi dawn jiffaċilitaw l-interazzjonijiet u l-appoġġ soċjali, jgħinu fil-kontroll tal-piż żejjed u fuq kollox huma sors ta' divertiment. Dan tal-aħħar huwa tipikament veru fejn ikun hemm ftit pressjoni biex jikkompetu u jirbħu⁶.

Barra minn hekk, waqt li ċertament hija meħtieġa aktar riċerka soċjoloġika, ġenerazzjonijiet ġodda ta' żgħażaġh xi drabi ġew deskritti bħala inklinati li jsegu mhux biss sports stabbiliti sew iżda wkoll dawk emergenti⁷. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi mifhum sa liema punt is-suq intersport Ewropew huwa realment miftuħ għal atturi tal-isports il-ġodda, bil-ħsieb li jiżdiedu l-opportunitajiet disponibbli biex jipperswadu ġenerazzjonijiet futuri ta' żgħażaġh ikunu aktar attivi.

Ċertament, parti sinifikanti mid-diskussjoni għandha tiġi ddedikata wkoll lis-setturi demografiċi li tradizzjonalment kellhom parteċipazzjoni fqira fl-isports – hawnhekk **il-bniet u t-tfajliet** kif ukoll **il-persuni b'diżabilità** jispikkaw b'mod partikolari. L-azzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri li tqiegħed enfasi fuq dawn il-gruppi tista' twassal għal ġenerazzjonijiet futuri ta' żgħażaġh Ewropej li jkunu aktar attivi.

⁶ Allender, S. et al. (2006), Understanding participation in sport and physical activity among children and adults: a review of qualitative studies. Health Education Research, Vol. 21, no. 6, pp. 826-835

⁷ Changing the game: How gen Z is redefining sports, consumption & sponsorship (2018). Ir-rapport disponibbli [hawn](#).

Il-ministri huma ġentilment mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tal-elementi ppreżentati minn dan id-dokument, bil-għan li jiġi appoġġat skambju tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet potenzjali ta' politika li jistgħu jikkontribwixxu għal żgħażaġh Ewropej aktar konxji tal-isport u aktar involuti. Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt ġew ifformulati sabiex tingħata ċerta orjentazzjoni għad-diskussjonijiet li jirriżultaw minnhom:

1. Kif jistgħu jikkooperaw l-awtoritajiet pubbliċi u l-moviment tal-isport fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri biex jagħtu spinta lir-rati tal-parteċipazzjoni fl-isports fost it-tfal u ż-żgħażaġh?
2. Liema miżuri jistgħu jittieħdu fil-livell tal-UE sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn sport tal-ogħla livell u sport tal-massa bil-għan li tiġi appoġġata aħjar il-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isports?